

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 555/2009

tal-25 ta' Ġunju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 318/2007 li jistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fil-Komunità u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta' u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A(l) mad-Direttiva 90/425/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari r-raba' inċiż tal-Artikolu 18(1),

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 318/2007 ⁽³⁾ jistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar għajr għal tjur tar-razzett fil-Komunità u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina applikabbli għal għasafar bħal dawn wara l-importazzjoni.
- (2) L-Anness V ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi lista ta' faċilitajiet u ċentri tal-kwarantina approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar għajr għat-tjur tar-razzett.
- (3) Il-Ġermanja u r-Repubblika Slovakkja rrevedew il-faċilitajiet u ċ-ċentri approvati tagħhom ta' kwarantina u bagħtu

lista aġġornata ta' dawk il-faċilitajiet u ċentri ta' kwarantina lill-Kummissjoni. Il-lista ta' faċilitajiet u ċentri ta' kwarantina approvati stipulati fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 318/2007 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 318/2007 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 318/2007 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-parti li tikkonċerna l-Ġermanja, jitneħħa dan li ġej:

"DE IL	ĠERMANJA	NW-2"
--------	----------	-------

- (2) Wara l-parti li tikkonċerna lill-Portugall, jiżdied dan li ġej għar-Repubblika Slovakkja:

"SK IR	REPUBLIKA SLOVAKKA	SK-PO-101"
--------	--------------------	------------

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.

⁽²⁾ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽³⁾ ĠU L 84, 24.3.2007, p. 7.